Dan il-fuljett huwa parti minn serje miktuba minn infermiera, tobba u esperti b'esperjenza fil-kura tal-anzjani. Is-serje għandha l-għan li tagħmel il-vjaġġ tiegħek fil-kura residenzjali tal-anzjani aktar faċli. Fittex fuljetti oħra dwar mistoqsijiet li għandek tistaqsi dwar ħtiġijiet speċifiċi ta' kura. Dawn jistgħu jitniżżlu minn: **www.10questions.org.au**

Il-kura tal-anzjani tiswa ħafna, għalhekk huwa importanti li tkun taf għal xiex qed tħallas. Għandek tistenna li tħallas ftit tipi ta' tariffi differenti, skont is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek:

Il-miżati ta' kuljum ikopru l-ispejjeż tal-għixien u tal-kura personali. **It-tariffa bażika ta' kuljum** hija pagabbli mir-residenti kollha, bi **ħlas addizzjonali għall-kura ttestjat skont il-mezzi** pagabbli skont il-valutazzjoni ta' Centrelink tad-dħul u l-assi tiegħek.

Inti se tintalab tagħmel kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tiegħek jew tħallas il-prezz tal-kamra miftiehem mal-fornitur tiegħek jekk il-valutazzjoni tal-mezzi tiegħek tqis li tista' taffordja li tagħmel dan. Tista' tħallas l-ammont f'daqqa, li jitħallas lura meta titlaq mid-dar, ħlas ta' kuljum qiesek qed tħallas il-kera, li ma jitħallasx lura, jew permezz ta' taħlita tat-tnejn.

**Postijiet Extra ta' Servizz** jistgħu jiġu rreklamati li joffru servizzi ta' kwalità ogħla u jattiraw **Ħlasijiet Extra ta' Servizz**. Dawn huma soġġetti għal ċerti regoli dwar dak li tista' u ma tistax tiġi ċċarġjat għalih. Madankollu, **Servizzi Addizzjonali** jistgħu jiġu offruti, fejn inti tkun mitlub ħlas miftiehem. Dawn is-servizzi jridu jkunu ta' benefiċċju dirett għalik u ma jistgħux ikopru, per eżempju, spejjeż ta' amministrazzjoni jew restawr.



# HU D-DRITT TIEGĦEK LI TISTAQSI

L-aħjar mod biex issib faċilità residenzjali għall-kura tal-anzjani li taqbel għalik huwa li żżur xi ftit minnhom. Biex issib dawk fil-lokal tiegħek, jew għal aktar informazzjoni dwar is-servizzi tal-kura tal-anzjani ikkuntattja lil: **My Aged Care**

**1800 200 422**

**myagedcare.gov.au**

Jekk teħtieġ parir ta' avokatura jew ta' speċjalista dwar xi suġġett li mhux kopert f' dan il- fuljett:

**Servizz tad-Drittijiet tal-Anzjani**

**1800 424 079**

Dan il-fuljett ġie żviluppat u approvat minn:

Għal lista sħiħa ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ jekk jogħġbok żur **www.10questions.org.au**

Jekk għandek tħassib dwar faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ikkuntattja:

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

1800 951 822

www.agedcarequality.gov.au

# 10 Mistoqsijiet li għandek tistaqsi

## DWAR

# KUNTRATTI U MIŻATI FIL-KURA RESIDENZJALI TAL-ANZJANI

## (CONTRACTS AND FEES - MALTESE)

**www.10questions.org.au**

## 1 X'inhuma l-miżati tal-akkomodazzjoni tiegħi?

It-tariffi standard għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, normalment fuq il-websajt tal-faċilità. L-ittestjar tal-mezzi jiddetermina jekk għandekx tħallas il-prezz sħiħ flimkien ma' ekstras miftiehma mal-fornitur tiegħek, jew kontribuzzjoni biss għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tiegħek. Ma tistax tintalab tħallas aktar minn dak li t-test tal-mezzi tiegħek jgħid li tista' taffordja. Tista' tagħżel li tħallas somma f'daqqa li titħallas lura, ħlas ta' kuljum qiesek qed tikri jew taħlita tat-tnejn*.

## 2 X'inhu inkluż fil-miżata bażika tal-kura ta' kuljum?

B'mod konsistenti mal-ftehim ta' finanzjament bejn il-faċilità tal-kura tal-anzjani u l-gvern, l-ikel, il-friex, il-ħasil tal-ħwejjeġ u xi attivitajiet soċjali huma koperti mill-ħlas bażiku għall-kura ta' kuljum. Jekk m' intix ċert, uża n-numri ta' kuntatt fuq in- naħa ta' wara ta' dan il- fuljett biex tfittex parir.

## 3 Liema servizzi addizzjonali għandi bżonn inħallas?

Jistgħu jiġu offruti ekstras u servizzi addizzjonali imma m'għandekx għalfejn taċċetta jew tħallas għalihom. Jekk tagħżel li tirċevihom, kun żgur li taqbel x'inhuma, kemm se tħallas, u kun żgur li dan huwa miktub fil-kuntratt tiegħek*.

## 4 Il-ftehim tiegħi dwar ir-residenza se jispeċifika l-kura bażika u s-servizzi li għandi bżonn?

Il-ftehim tar-residenza għandu jistabbilixxi s-servizzi li tirċievi, b'mod dettaljat kemm jista' jkun. Itlob biex servizzi speċjalizzati bħal fiżjoterapija, podjatrija u dawk dentali jiġu inklużi fil-ftehim tiegħek. Jekk għandek bżonnijiet ta' kura għolja huwa importanti li jkun hemm biżżejjed infermiera reġistrati fuq il-post biex jieħdu ħsiebek f'kull ħin.

## 5 Kemm se ndum biex nirrevedi l-ftehim tar-residenza** qabel ma nieħu deċiżjoni?

Ftehim tar-residenza huwa dokument legali li jkopri l-arranġamenti għall-kura tiegħek, l-akkomodazzjoni, u kwalunkwe miżata li ser tħallas. M'hemm l-ebda limitu ta' żmien jew rekwiżit għalik biex taqbel mal-ftehim tar-residenza. Madankollu, huwa fl-aħjar interess tiegħek li taqbel malajr kemm tista' ma' arranġament li jkopri d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tiegħek.

## 6 Jista' jkolli l-Karta tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani*** inkluża fil-ftehim tar-residenza tiegħi?

Id-drittijiet tiegħek skont il-Karta tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani u l-Istandards tal-Akkreditazzjoni tal-Kura tal-Anzjani huma infurzabbli biss jekk ikunu inklużi fil-ftehim tar-residenza tiegħek. Għalhekk huwa essenzjali li l-Karta tiġi inkluża fil-ftehim tar-residenza tiegħek.

## 7 Jista' xi ħadd jgħinni nifhem it-termini tal-ftehim tar-residenza?

Skont il-Karta tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani, għandek id-dritt li tkun infurmat dwar il-kura u s-servizzi tiegħek b'mod li inti tifhimhom. Il-faċilità għandha torganizza interpretu jekk ikollok bżonn wieħed. Jekk teħtieġ aktar għajnuna uża n-numri fuq wara ta' dan il-fuljett biex ikollok aċċess għal parir bla ħlas.

## 8 Liema spejjeż m'humiex koperti mill- ftehim tar-residenza tiegħi?

Ġeneralment, il-mediċina tiegħek u kwalunkwe appuntamenti mediċi kif ukoll l-ispiża tat-trasport tiegħek lejn u mill-appuntamenti m'humiex koperti. Int ser ikollok bżonn ukoll tixtri l-ħwejjeġ tiegħek stess u tħallas għal servizzi personali bħal parrukkier. Jekk għażilt post ta' servizz ekstra, uħud minn dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu koperti. Staqsi eżattament x'hinu dak li ser tkun mistenni li tħallas għalih.

## 9 X'jiġri jekk il-bżonnijet tal-kura tiegħi jinbidlu?

Inti intitolat għal kura klinika ta' kwalità għolja u appoġġ personali li jissodisfa l-bżonnijiet tiegħek, irrispettivament mill-kapaċità tiegħek li tħallas. Kun żgur li tifhem x'se jiġri jekk il-bżonnijet tal-kura tiegħek jinbidlu u jkollok bżonn ta' aktar appoġġ. Staqsi jekk tkunx tista' tinkludi kwalunkwe bżonnijet ta' kura addizzjonali fil-ftehim tar-residenza tiegħek u jekk id-dar residenzjali tistax tipprovdi kura speċjalizzata jekk ikollok bżonnha.

## 10 X'jiġri jekk ma nistax nħallas?

Persuna li l-uniku dħul tagħha hija pensjoni tal-età se jkollha tħallas 85% tal-pensjoni sħiħa għall-akkomodazzjoni, il-kura u s-servizzi tagħha. Iċċekkja li dan huwa ċar fil-kuntratt tiegħek. Jekk għad għandek diffikultà biex tħallas, uża n-numri ta' kuntatt fuq wara ta' dan il-fuljett biex tfittex parir.

* ara l-Fuljett 10 Mistoqsijiet dwar Ħlasijiet għal Servizzi Addizzjonali
** ara l-paġna ta' wara għal aktar spjegazzjoni
*** www.agedcarequality.gov.au/consumers/consumer-right